MALTA COMMUNICATIONS AUTHORITY

# PRESS RELEASE / FRAR 2023

## L-MCA tippubblika sett ta' regoli ġodda li jipprovdu aktar protezzjoni lill-utenti tas-servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi

L-Awtorità ta' Malta dwar il-komunikazzjoni (MCA) ippubblikat Avviż ta' Deċiżjoni li tidħol fis-seħħ fl-**1 ta' Settembru 2023**. Din id-Deċiżjoni tinkludi sett ta' regoli li provdituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi għandhom josservaw bil-għan li jsaħħu l-protezzjoni tal-utenti li jagħmlu użu minn servizzi ta' telefonija, *internet* u servizzi tad-distribuzzjoni tat-televiżjoni. Fost oħrajn dan l-Avviż iġorr fih aġġornament ta' regoli li l-Aworità kienet addottat fl-2011 u fl-2012, kif ukoll qed iddaħħal sett ta' regoli ġodda li qed jiġu introdotti sabiex jindirizzaw rejaltajiet preżenti illum il-ġurnata fis-suq lokali.

Din id-Deċiżjoni tinkludi fiha regoli li jittrattaw diversi materji, fosthom:

- Miżuri li jridu josservaw il-provdituri meta' jkunu se jimplimentaw tibdiliet fil-kundizzjonijiet kuntrattwali tal-utenti;
- Regoli dwar l-inklużjoni ta' informazzjoni addizzjonali fil-kuntratti li joffru provdituri lill-utenti;
- Regoli li l-provdituri jridu josservaw meta' jikkonkludu kuntratti mal-utenti;
- Miżuri ta' trasparenza li jirregolaw il-pubblikazzjoni ta' informazzjoni dwar servizzi li jiġu offruti;
- Miżuri dwar l-applikazzjoni ta' ħlasijiet meta utenti jitterminaw servizz qabel id-data tal-iskadenza tal-kuntratt;
- Miżuri dwar faċilitajiet li jridu jiġu offruti lill-utenti mill-provdituri sabiex jibqaw jaċċessaw l-emajls meta jitterminaw servizz tal-*internet*;
- Miżuri li jridu josservaw il-provdituri fil-konfront tal-utenti tagħhom meta dawn ma jħallsux il-kontijiet tagħhom fil-ħin.

F'din id-deċiżjoni l-MCA tipprovdi wkoll gwida dwar l-applikazzjoni korretta ta' diversi dispozzijonijiet preżenti fil-liġijiet ta' Malta, li tamministra l-MCA u li huma ntiżi li jagħtu protezzjoni lill-utenti.

Il-Kap Eżekuttiv tal-MCA, is-Sur Jesmond Bugeja, esprima l-apprezzament tiegħu għal kull min ikkontribwixxa fil-konsultazzjoni pubblika li saret bi preparament għal dan l-Avviż. Huwa saħaq li dawn il-miżuri qed isaħħu d-drittijiet ta' l-utenti filwaqt li jippromwovu l-kompetizzjoni fis-suq. Stqarr li huwa ċert li dawk kollha interessati, b'mod partikolari l-provdituri, ser jappoġġjaw din l-inizjattiva u ser jagħmlu l-parti tagħhom sabiex jimplimentaw b'mod sħiħ dawn ir-regoli skond il-gwida li qed tagħti l-Awtorità permezz ta' din id-Deċiżjoni.

Id-dokument tal-Avviż tad-Deċiżjoni huwa aċċessibbli minn hawnhekk.

(+356) 21336840 pr.mca@mca.org.mt www.mca.org.mt Valletta Waterfront, Pinto Wharf, Floriana FRN1913, Malta